

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León (Spanja) fil-25 ta' Mejju 2010 — David Barcenilla Fernández vs Gerardo García S.L.**

**(Kawża C-256/10)**

(2010/C 221/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### **Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León (Spanja)

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: David Barcenilla Fernández

Konvenuta: Gerardo García S.L.

### **Domandi preliminari**

- L-Artikoli 3, 5(2), 6 u 7 tad-Direttiva 2003/10/KE<sup>(1)</sup> għandhom jiġi interpretati fis-sens li impriżza, fejn il-livell ta' ħoss li għaliex ikunu esposti l-ħaddiema ta' kuljum jaqbeż il-85 dB(A) (imkejjel mingħajr it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti ta' protetturi tas-smiġi), tosseva l-obbligi ta' prevenzjoni ffissati mid-direttiva ċċitata iktar 'il fuq f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet materjali ta' xogħol meta hija tipprovdji protetturi tas-smiġi lil dawn il-ħaddiema b'tali mod li, bis-saħħa tat-tnaqqis li jiggarrantixxu dawn il-protetturi, il-ħoss li għaliex ikunu esposti dawn il-ħaddiema ta' kuljum jonqos għal inqas minn 80 dB(A)?
- L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/10/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-programm ta' miżuri tekniċi u/jew ta' organizazzjoni li għandu jiġi adottat minn impriżza fejn il-livell ta' ħoss li għaliex ikunu esposti l-ħaddiema ta' kuljum jaqbeż il-85 dB(A) (imkejjel mingħajr it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti ta' protetturi tas-smiġi), għandu l-għan li jnaqqas il-livell ta' espożizzjoni għall-ħoss għal livell inqas minn 85 dB(A)?
- Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun negativa, id-Direttiva 2003/10/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi regola jew prassi ġudizzjarja nazzjonali li teżenza lill-impriżza mill-ħlas ta' kumpens finanzjarju, li din għandha, bħala prinċipju, tħallas lill-ħaddiema li ta' kuljum ikunu esposti għal livell ta' ħoss li jaqbeż il-85 dB(A),

minħabba li din ipprovdi protetturi tas-smiġi lil dawn il-ħaddiema li għandhom l-effett li jnaqqas l-espożizzjoni ta' kuljum għal inqas minn 80dB(A)?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Frar 2003, dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġġenti fiżiċi (ħoss) (ls-Sbatax-il Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)  
ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 4, p. 300

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Dâmboviṭa (Ir-Rumanija) fil-25 ta' Mejju 2010 — Nicušor Grigore vs Regia Națională a Pădurilor Romsilva — Direcția Silvică București**

**(Kawża C-258/10)**

(2010/C 221/33)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### **Qorti tar-rinviju**

Tribunal Dâmboviṭa

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Nicušor Grigore

Konvenuti: Regia Națională a Pădurilor Romsilva — Direcția Silvică București

### **Domandi preliminari**

- Il-perijodu li matul tiegħu persuna li tieħu ħsieb il-foresti, li taħdem tmien sīghat kuljum skont kif stabbilit fil-kuntratt ta' xogħol tagħha, hija inkarigata tiżgura s-sorveljanza ta' sezzjoni tal-foresti, billi tkun suġġetta għar-responsabbiltà dixxiplinari, patrimoniali, amministrativa jew penali tagħha, skont il-każ, fir-rigward ta' dannu kkonstatat fis-sezzjoni li taqa' taħbi ir-responsabbiltà tagħha, indipendentement minn meta jseħħ id-dannu, jikkostitwixxi "ħin tax-xogħol" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88/KE<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerha ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol?
- Ir-risposta għall-ewwel domanda hija differenti jekk il-persuna li tieħu ħsieb il-foresti tkun tirrisjedi fakkommmodazzjoni pprovduta lilha fis-sezzjoni tal-foresti li hija responsabbli minnha?